

*L-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni  
Ewropea*

---

**PROGRAMM TAX-XOGĦOL 2004**

IS-7 TA' JANNAR 2004

## IL-KONTENUT

<b>1 PREFAZZJONI</b>	<b>1</b>
<b>2 INTRODUZZJONI</b>	<b>2</b>
2.1 X'inhi l-EASA?	2
2.2 X'intlaħaq fl- 2003?	3
Il-Kwadru regolatorju	3
L-Amministrazzjoni	3
<b>3 L-EŻEKUZZJONI TAL-KOMPITI PRINĊIPALI TA' L-AĠENZJA</b>	<b>5</b>
<b>3.2 Iċ-Ċertifikazzjoni</b>	<b>5</b>
L-Iffinalizzar ta' arranġamenti approprjati ta' esternalizzazzjoni	5
Il-Konnessjoni u l-monitoraġġ ta' attivitajiet ta' ċertifikazzjoni	5
L-eliminazzjoni gradwali tal-perjodu ta' esternalizzazzjoni u <i>interim</i>	6
Valutazzjoni ta' l-impatt tar-Regolament 1702/2003 dwar iċ-ċertifikazzjoni	6
<b>3.3 Ir-Regolamentazzjoni</b>	<b>6</b>
Sistemi ta' regolamentazzjoni	7
Il-Programm ta' regolamentazzjoni	7
<b>3.4 L-Ispezzjoni u l-istandardizzazzjoni</b>	<b>8</b>
L-Adozzjoni ta' proċeduri u l-implimentazzjoni	8
Taħriġ u seminars	8
Il-Formolazzjoni ta' abbozz ta' sistema ta' kwalità għall-Aġenzja	9
Tagħlim minn rappurtar ta' avvenimenti	9
<b>3.5 Kwistjonijiet bilaterali</b>	<b>9</b>
<b>4 L-ISTABBILIMENT TAL-FUNZJONIJET TA' SOSTENN TA' L-AĠENZJA</b>	<b>10</b>
<b>4.1 Regoli u proċeduri interni: sistema tajba, ċara u trasparenti</b>	<b>10</b>
<b>4.2 Ir-Riżorsi umani: prijorità maġġuri għall-Aġenzja</b>	<b>10</b>
<b>4.3 Il-Finanzi</b>	<b>11</b>
Operazzjonijiet ġenerali	11
Attivitajiet ta' ċertifikazzjoni	11
<b>4.4 It-Teknoloġija informatika: l-istabbiliment ta' sistema ta' kwalità għolja</b>	<b>12</b>
Servizzi ta' l-awtomazzjoni ta' l-uffiċċju	12
<i>Databases</i> : implimentazzjoni u ġestjoni	12
<i>Networks</i> u komunikazzjonijiet	13
Is-Sigurtà	13
Is-Sostenn ta' l-utent	13
L-Iżvilupp tas-sistemi	13
<b>4.5 Il-Komunikazzjoni</b>	<b>14</b>
<b>4.6 Legali</b>	<b>15</b>
L-Assigurazzjoni tal-konformità ġuridika tal-proċeduri ta' l-Aġenzja	15
Il-Provvediment ta' sostenn għall-kompiti prinċipali ta' l-Aġenzja	16

Il-Provvediment ta' ċertezza ġuridika għall-attivitajiet aeronawtiċi ta' l-Aġenzija	16
Il-Fondazzjoni ta' ċentru rispettat ta' esperjenza ġuridika	16
<b>4.7 Il-Monitoraġġ</b>	<b>16</b>
<b>5 KONKLUŻJONIJIET</b>	<b>18</b>
<b>ANNEX –KARTA ORGANIZZAZZJONALI TA' L-EASA (DIĊEMBRU 2003)</b>	<b>19</b>

## 1 Prefazzjoni

Dan id-dokument jistabbilixxi l-kompiti li għandhom jiġu mwettqa mill-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea fl-2004. Il-programm huwa maqsum f'żewġ partijiet ewlenin (il-kapitoli 3 u 4). L-ewwel parti tirreferi għall-attivitajiet prinċipali li l-Aġenzija hija obbligata twettaq fl-2004 kemm bħala riżultat tal-ħtiġijiet tar-Regolament 1592 (per eżempju, funzjonijiet eżekuttivi u kompiti ta' regolamentazzjoni). Dawn jikkostitwixxu l-'kompiti prinċipali' ta' l-Aġenzija u s-suċċess ta' l-Aġenzija għal żmien medju jiġi ġġudikat fuq il-kapaċità tagħha li twettaq dawn il-funzjonijiet effettivament. It-tieni parti tirrelata għall-kwistjonijiet prattiċi u loġistiċi assoċjati ma' l-istabbiliment ta' aġenzija ġdida u tinkludi għadd ta' kwistjonijiet li jagħmlu kontribuzzjoni essenzjali għall-kapaċità ta' l-Aġenzija li twettaq il-kompiti prinċipali tagħha. L-Artikolu 24 tar-Regolament Bażiku ta' l-Aġenzija jeħtieġ li l-Bord Amministrattiv jadotta l-programm tax-xogħol (wara li jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea) u li sussegwentement jissottomettih lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri.

Il-fatt li fil-ħin ta' din il-kitba l-Aġenzija tibqa' fi stadju bikri ta' żvilupp ifisser li l-programm ippreżentat hawnhekk jipprovdi indikazzjoni tal-kompiti ewlenin li għandhom jitwettqu imma li ma jistax jikkostitwixxi dokument komprensiv ta' ppjNAAr. Sal-wasla tad-Diretturi għall-Amministrazzjoni, il-Kwalità u l-Istandardizzazzjoni, iċ-Ċertifikazzjoni u r-Regolamentazzjoni kmieni fl-2004, l-Aġenzija jonqosha d-diriġenti neċessarji fl-oqsma speċjalizzati u varji sabiex telabora aktar fl-eżekuzzjoni tal-kompiti varji. Barra minn dan l-ispustjar għall-post finali ta' l-Aġenzija f' *Cologne* jinfluwenza b'mod notevoli l-attività ta' l-Aġenzija, u b'dan il-ħsieb id-dokument preżenti jiġi rivedut u programm emendat tax-xogħol għandu jiġi sottomess għal approvazzjoni mill-Bord ta' Tmexxija fl-aħħar ta' l-ewwel kwart ta' l-2004. Wara l-approvazzjoni dan il-programm supplimentat għandu jintbagħat direttament lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri.

## 2 Introduzzjoni

### 2.1 X'inhi l-EASA?

L-istabbiliment ta' L-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea hija punt prinċipali tal-pjanijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jiġi stabbilit u jinżamm livell uniformi għoli ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni fl-Ewropa, u, saħansitra, lil hinn. Miri addizzjonali ta' l-Aġenzija huma, fost l-oħrajn, li jiġi assigurat livell uniformi għoli ta' protezzjoni ambjentali; li jiġi ffaċilitat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni u servizzi; li tiġi promossa l-effiċjenza ta' l-ispejjeż fil-proċessi regolatorji u ta' ċertifikazzjoni; li l-Istati Membri jiġu assistiti fit-twettieq ta' l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni ta' *Chicago*; u li jiġu promossi opinjonijiet Komunitarji li jirrigwardaw standards ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

Għalkemm iffaċjati b'diffikultajiet in vista tal-klima ekonomika kurrenti, l-industrija ta' l-avjazzjoni ċivili qiegħda f'perjodu ta' tkabbir, għal żmien twil. Dan ifisser li huma neċessarji sforzi ulterjuri sabiex jiġi assigurat li n-numri ta' dawk effettwati minn inċidenti ta' l-ajru ma jikbrix.

Minn naħa l-oħra, l-industrija għamlet sejħa lil regolaturi sabiex jagħmlu sforzi ulterjuri sabiex tiġi ffaċilitata konformità ma' l-istandards neċessarji tas-sigurtà u hija ta' sostenn għall-ħolqien ta' l-Aġenzija l-għdida li tiffaċilita regolamenti effettivi u effiċjenti flimkien ma' l-armonizzazzjoni fil-livell Ewropew.

Huwa kontra dan l-isfond li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adottaw ir-Regolament 1592/2002 (ir-'Regolament Bażiku' ta' l-Aġenzija). Dan l-att ġuridiku Komunitarju jagħmel żewġ affarijiet: jistabbilixxi numru ta' prinċipji u ħtiġijiet komuni għal sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili u protezzjoni ambjentali. Jistabbilixxi wkoll L-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea, li għandha twettaq ċerti funzjonijiet kif dettaljati fir-regolament proprju. F'dan is-sens, 'sigurtà ta' l-avjazzjoni' tinkludi standards ta' l-*airworthiness* għat-tipi kollha ta' inġenji ta' l-ajru, kif ukoll standards komuni ta' sigurtà għal organizzazzjonijiet u persuni li huma responsabbli għall-fabbrikazzjoni u l-manutenzjoni tad-disinn ta' inġenji ta' l-ajru. Għandu jkun magħruf li r-rwol ta' l-Aġenzija se jiġi estiż fil-futur qarib għal kwistjonijiet relatati ma' operazzjonijiet ta' l-ajru u konċessjonijiet ta' liċenza għal ekwipaġġi ta' l-ajru, skond ix-xewqat tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew.

Il-mira tar-Regolament Bażiku kienet li jżid ma' dak li rnexxielha tilħaq il-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri fl-Awtoritajiet Konġunti ta' l-Avjazzjoni (JAA) (*Joint Aviation Authorities*) sabiex tinholq sistema integrata fil-veru sens tal-kelma għar-regolament tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili u tal-protezzjoni ambjentali. Il-kompiti ta' l-EASA huma:

- li l-Kummissjoni Ewropea tiġi assistita fil-kompiti ta' rappreżentanza leġislattivi u internazzjonali tagħha;
- li tiġi implimentata liġi Komunitarja meta ċertifikazzjoni ċentralizzata hija iktar effiċjenti minn azzjoni individwali minn Stati Membri; u
- li jsir monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni ta' l-Istati Membri tal-liġi Komunitarja meta huma stess jeżegwixxu kompiti ta' ċertifikazzjoni.

## ***2.2 X'intlaħaq fl- 2003?***

Is-sena 2003 kienet karatterizzata minn sfidi sinifikanti fl-istabbiliment ta' l-Aġenzija waqt li ġiet rispettata id-data perentorja tat-28 ta' Settembru għall-istabbiliment tagħha stabbilit fir-Regolament Bażiku. Il-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv ġiet differita minn kmieni fl-2003 għall-1 ta' Settembru. Sadanittant, il-Bord ta' Tmexxija u l-Kummissjoni għamlu mill-aħjar li setgħu sabiex jiffaċilitaw il-kompiti neċessarji fl-assenza tad-Direttur Eżekuttiv. B'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet spazju għall-uffiċċji u rreklutat numru żgħir ta' personal awżiljari sabiex jaħdem fl-istabbiliment ta' l-Aġenzija. Dan fisser, madankollu, li l-Aġenzija ma kellha ebda personal tekniku stabbilit għalkemm ir-regoli neċessarji sabiex l-Aġenzija tibda topera sewwa (ir-'regoli ta' implimentazzjoni') kellhom jiġu elaborati u l-Aġenzija kienet tkun responsabbli għal ċerti kompiti ta' ċertifikazzjoni mit-28 ta' Settembru. L-Aġenzija għalhekk kellha rikors għal esperjenza esterna fil-forma ta' riżorsi ta' personal ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-avjazzjoni u ta' l-Awtoritajiet Konġunti ta' l-Avjazzjoni.

### Il-Kwadru regolatorju

Il-bidu tax-xogħol ta' l-Aġenzija kien jeħtieġ li numru ta' testi ġuridiċi, li kienu, mar-Regolament Bażiku, jikkompletaw il-kwadru regolatorju għall-operazzjonijiet ta' l-Aġenzija, jiġu adottati mill-Kummissjoni. Għalhekk l-ewwel personal rreklutat mill-Kummissjoni Ewropea msemmi fuq kien kompletament okkupat bix-xogħol preparatorju għall-ħruġ ta' l-opinjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni, inkluż il-kontroll sussegwenti tal-proċess assoċjat ta' konsultazzjoni u l-preparazzjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti ta' ċertifikazzjoni u tal-materjal ta' gwida. It-test regolatorju neċessarju dwar iċ-ċertifikazzjoni kien adottat mill-Kummissjoni f'Settembru sabiex l-Aġenzija titħalla tibda l-kompiti prinċipali tagħha, li huma min-natura tagħhom l-iktar urġenti: ir-Regolament 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għall-*airworthiness* u ċ-ċertifikazzjoni ambjentali ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti relatati, partijiet u apparat, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' disinn u ta' produzzjoni kien ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea fis-27 ta' Settembru 2003. Ir-Regolament 2042/2002 dwar l-*airworthiness* kontinwa ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti aeronawtiċi, partijiet u apparat, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u personal involut f'dawn il-kompiti kien ippubblikat fit-28 ta' Novembru.

Ir-reviżjoni tal-ġabra intiera ta' speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u ta' materjal ta' gwida, (ħtiġijiet regolatorji ta' livell iktar baxx) twettqet ukoll fl-ewwel xhur ta' l-eżistenza ta' l-Aġenzija, għal reviżjoni u adozzjoni kompleta fl-2003.

Huwa għalhekk possibbli li jingħad li fl-2003 l-Aġenzija ssorveljat u pparteċipat b'mod attiv fil-kompletazzjoni u fir-reviżjoni ta' l-ambjent aeronawtiku regolatorju intier tagħha, u b'hekk twittiet it-triq għall-attivitajiet operazzjonali permanenti tagħha.

### L-Amministrazzjoni

Is-sistema finanzjarja ta' l-Aġenzija, li tinkludi materjal u proċeduri regolatorji, kienet kompletament stabbilita u saret operazzjonali mill-1 ta' Ottubru. Dan inkluda l-adozzjoni tar-regolament finanzjarju proprju (ibbażat fuq il-kwadru tar-regolament finanzjarju tal-Kummissjoni), in-nomina ta' l-uffiċjal proprju ta' kontabilità u l-prokura ta' l-għajnuniet neċessarji għall-kontabilità.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra, il-Bord ta' Tmexxija adotta diversi dokumenti importanti tul is-sena:

- il-politika tal-personal
- abbozz ta' l-istruttura organizzazzjonali
- il-proċedura ta' regolamentazzjoni
- ir-regolament finanzjarju
- linji gwida dwar proċeduri ta' ċertifikazzjoni
- il-politika ta' esternalizzazzjoni

#### Is-Sit ta' l-Internet

Is-Sit ta' l-Internet ta' l-Aġenzija [www.easa.eu.int](http://www.easa.eu.int) ttella' fil-ħin għad-data perentorja tat-28 ta' Settembru sabiex l-Aġenzija setgħet tikkomunika direttament ma' partijiet interessati u mal-pubbliku ġenerali. Informazzjoni ulterjuri qiegħda tiżdied kif u meta tkun disponibbli. Li testi ta' l-Aġenzija jiġu magħmula disponibbli *online* kien ikkunsidrat pass essenzjali għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Bażiku.

## 3 L-Eżekuzzjoni tal-kompiti prinċipali ta' l-Aġenzija

### 3.1 Introduzzjoni

Tul il-perjodu transitorju u b'mod partikolari fl-2004, l-Aġenzija ma jkollhiex riżorsi umani suffiċjenti sabiex twettaq il-kompiti assenjati lilha. Għandha għalhekk tagħmel użu mir-riżorsi eżistenti disponibbli fl-Awtoritajiet Nazzjonali ta' l-Avjazzjoni (NAA). F'dan ir-rigward, il-politika approvata ta' esternalizzazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija tiġi applikata, u dan ifisser li l-Aġenzija għandha tikkonkludi b'mod urġenti kuntratti ma' NAA, kif sar ma' l-Awtoritajiet Konġunti Ċentrali ta' l-Avjazzjoni (JAA) f'Diċembru 2003, biex b'hekk jingħatawllhom ċerti kompiti relatati ma' ċertifikazzjoni u kompiti assoċjati ta' sostenn. Dawk il-kuntratti għandu jkollhom id-disposizzjonijiet neċessarji sabiex jippermettu aġġustamenti għall-kompiti esternalizzati skond it-tkabbir tal-kapaċitajiet interni ta' l-Aġenzija.

Il-kompiti esternalizzati jiġu eżegwiti skond ir-regoli rilevanti ta' l-Aġenzija. Skond ir-Regolament Bażiku, id-Direttur Eżekuttiv jibqa' responsabbli għad-deċiżjonijiet finali li jeffettwaw is-sigurtà ta' l-avjazzjoni u l-kompatibilità ambjentali.

Kompiti oħra, bħall-istabbiliment tal-funzjoni ta' l-analiżi u r-riċerka tas-sigurtà ta' l-Aġenzija għandhom ukoll jiġu implimentati, għalkemm għadha, f'dan l-istadju, funzjoni li ma ġietx allokata lil direttorat speċifiku, u tibqa' taħt is-sorveljanza diretta tad-Direttur Eżekuttiv.

Il-kuntratti neċessarji bilaterali bejn l-Aġenzija u l-NAA għandhom ikunu effettivi fl-ewwel kwart ta' l-2004.

### 3.2 Iċ-Ċertifikazzjoni

Il-kompiti ta' ċertifikazzjoni huma ta' l-akbar importanza għall-Aġenzija. Il-mira hi li tintlaħaq pożizzjoni malajr kemm jista' jkun fejn l-Aġenzija tista' hija stess twettaq dawk il-kompiti li qegħdin fil-preżent jitwettqu mill-koordinazzjoni Ċentrali tal-JAA, bħall-konvokazzjoni ta' timijiet ta' ċertifikazzjoni.

#### L-Iffinalizzar ta' arranġamenti approprijati ta' esternalizzazzjoni

Id-Direttur Eżekuttiv qiegħed jafda lil NAA u lil JAA Ċentrali sabiex jibqgħu iwettqu l-missjonijiet ta' l-EASA wara t-28 ta' Settembru 2003, fl-ewwel istanza għal perjodu ta' erba' xhur. Dan il-perjodu jiġi estiż kif neċessarju sabiex jiġi assigurat li l-kuntratti neċessarji ta' esternalizzazzjoni jiġu finalizzati b'mod soddisfaċenti.

#### Il-Konnessjoni u l-monitoraġġ ta' attivitajiet ta' ċertifikazzjoni

- It-Trattament ta' informazzjoni mill-produzzjoni għall-ħażna

Wieħed mill-ewwel kompiti, u possibbilment wieħed mill-kompiti l-iktar prattiċi ta' l-Aġenzija jkun li tistabbilixxi l-bażijiet proprji tad-*data* għal attivitajiet ta' ċertifikazzjoni. Il-fatt tad-disparità ta' *databases* eżistenti, u l-kumplessità tad-*data* kkunsidrata, jimplika li s-soluzzjonijiet kollha jkollhom jiġu żviluppatti f'relazżjoni mill-qrib mal-funzjoni tat-TI, u b'kont meħud tat-tagħrif li diġà jeżisti fil-JAA jew fil-NAA. Dawn is-soluzzjonijiet ivarjaw mill-interfaċċja sempliċi ta' sistemi eżistenti għall-ħolqien ta' *databases* kompletament ġodda. Pass maġġuri lejn l-elaborazzjoni tal-*databases*, jkun xi jkun il-metodu magħżul, ikun li jiġu definiti flimkien mal-NAA u mal-JAA il-livell tad-*data* li għandha tiġi maħżuna u trattata mill-Aġenzija, u l-iktar

li jiġu definiti flimkien il-proċeduri għat-trasferiment ta' *data* wara l-kompletazzjoni ta' proġetti ta' ċertifikazzjoni.

Sabiex jiġu ffaċilitati attivitajiet ta' ċertifikazzjoni u wkoll sabiex l-applikanti jingħataw perċezzjoni iktar ċara ta' l-EASA, jiġi definit format komuni għaċ-ċertifikati kollha maħruġa mill-Aġenzija. Jiġu żviluppati formats armonizzati ta' formoli ta' applikazzjoni għal żmien twil, iżda wkoll essenzjali għaċ-ċarezza ta' proċessi għal applikanti.

Mill-ewwel kwart ta' l-2004, jiġu stabbiliti ċertifikati ta' l-EASA, u fit-tul jiġu żviluppati formats u standards komuni għal formoli ta' l-applikazzjoni. L-Aġenzija tkun jew ittrasferiet il-*databases* esterni neċessarji jew żviluppat l-interfaċċji funzjonanti b'*databases* esterni sa l-aħħar tas-sena.

#### 1. L-Istabiliment ta' proċessi approprijati

Abbażi tal-proċeduri ta' ċertifikazzjoni adottati mill-Bord ta' Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv jiżviluppa proċeduri ta' implimentazzjoni għal prodotti u ċertifikazzjoni ta' organizzazzjoni. Dawn il-proċeduri ta' implimentazzjoni jiddefinixxu b'mod partikolari il-punti prinċipali għal kull proċedura, il-kompożizzjoni tat-tim ta' ċertifikazzjoni u l-format u l-orarju ta' l-applikazzjonijiet. L-istabiliment ta' dawn il-proċeduri ta' implimentazzjoni jirriżulta notevolment fir-reżoluzzjoni tal-kunflitt permezz tad-disponibbiltà ta' *panels* ta' esperti.

Proċeduri ta' implimentazzjoni għal ċertifikazzjoni jiġu elaborati tul l-ewwel semestru ta' l-2004.

#### L-eliminazzjoni gradwali tal-perjodu ta' esternalizzazzjoni u *interim*

L-Aġenzija jkollha wkoll telabora l-programm ta' ċertifikazzjoni tagħha sabiex telimina gradwalment l-arranġamenti *interim* kollha, jew esternalizzazzjoni eżistenti. L-ewwel pass għal dan huwa l-ħatra ta' personal approprijat, li tibda bit-tim immedjat tad-direttur ta' ċertifikazzjoni. Hu se jqiegħed fis-seħħ il-proċeduri ta' monitoraġġ għall-kompiti kollha esternalizzati flimkien ma' prijoritajiet ta' ċertifikazzjoni għall-Aġenzija.

Id-Direttur ta' Ċertifikazzjoni jidħol għall-kariga tiegħu fil-bidu nett tas-sena. B'mod parallel, numru ta' personal ieħor jiġi rekrutat għal attivitajiet ta' ċertifikazzjoni sabiex it-tim prinċipali operazzjonali jista' jopera malajr kemm jista' jkun.

#### Valutazzjoni ta' l-impatt tar-Regolament 1702/2003 dwar iċ-ċertifikazzjoni

Skond l-Artikolu 2.3 (a)(i) tar-Regolament 1702/2003, bħala komputu ta' prijorità, qabel l-1 ta' Mejju 2004 l-Aġenzija għandha tikkunsidra jekk il-livell ta' sigurtà pprovdut mill-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, mill-kodiċijiet ta' l-*airworthiness*, mill-esperjenza ta' servizz u mis-sistemi ta' sigurtà, fir-rigward tal-prodotti msemmija taħt it-tielet u r-raba' inċiżi ta' l-Artikolu msemmi hawn fuq, jistgħu jiġu kkunsidrati ekwivalenti għal dak meħtieġ mir-Regolament Bażiku u mir-Regolament 1702/2003.

### **3.3 Ir-Regolamentazzjoni**

Mogħti l-fatt li l-Aġenzija hija fi stat bikri ta' żvilupp, hemm żewġ aspetti distinti għal din il-funzjoni għas-sena 2004: li s-sistemi ta' regolamentazzjoni adottati fuq il-karta

jsiru realtà; u li jingħata bidu għall-kompiti speċifiċi ta' regolamentazzjoni li jaqgħu fuq l-Aġenzija.

### Sistemi ta' regolamentazzjoni

Diġà sar ħafna progress fl-iżvilupp ta' l-attività ta' regolamentazzjoni tul l-2003, inkluża l-adozzjoni ta' proċedura ta' regolamentazzjoni mill-Bord ta' Tmexxija. Il-pass li jmiss huwa n-nomina ta' membri taż-żewġ korpi ġodda li għandhom jiġu assoċjati mill-qrib ma' l-attività ta' regolamentazzjoni ta' l-Aġenzija: l-ewwel huwa l-kumitat konsultattiv għall-istandards tas-sigurtà (SSCC) (*safety standards consultative committee*), li jirrappreżenta partijiet soġġetti għall-miżuri ta' l-Aġenzija. It-tieni huwa l-grupp konsultattiv ta' awtoritajiet nazzjonali (AGNA) (*advisory group of national authorities*). Dawn il-korpi huma intiżi sabiex jipprovdu pariri lid-Direttur Eżekuttiv abbażi ta' l-esperjenza tagħhom fl-implimentazzjoni ta' ħtiġijiet tas-sigurtà u ambjentali ta' l-avjazzjoni u, infatti, huma fonti essenzjali ta' esperjenza li l-Aġenzija tirrikorri għalihom kif tipproċedi iktar bix-xogħol ta' regolamentazzjoni tagħha, li jinkludi opinjonijiet lill-Kummissjoni għal ħtiġijiet essenzjali fil-ġejjieni u regoli ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni inklużi mezzi aċċettabbli ta' konformità, u materjal ta' gwida. Id-Direttur Eżekuttiv jikkonferma l-kompożizzjoni tal-SSCC u ta' l-AGNA sa l-1 ta' Frar. Bil-parteċipazzjoni attiva u bis-sostenn tal-SSCC u ta' l-AGNA, l-Aġenzija tipprogressa bl-elaborazzjoni tal-proċeduri neċessarji ta' regolamentazzjoni, inkluża l-adozzjoni ta' approċċ għall-istima regolatorja ta' l-impatt u proċeduri standard ta' operazzjoni għal gruppi ta' abbozzar, kif previst fil-proċedura ta' regolamentazzjoni. Il-ġabra kompleta ta' proċeduri hija mistennija li tiġi stabbilita sa l-aħħar tas-sena.

### Il-Programm ta' regolamentazzjoni

L-Aġenzija diġà għandha diversi kompiti ta' regolamentazzjoni fil-programm tagħha għall-2004. Din il-lista ovvjament mhijiex definittiva u tiġi supplimentata kif neċessarju f'konsultazzjoni mal-SSCC u ma' l-AGNA tul is-sena.

#### ▪ Reviżjoni tar-Regolament Bażiku

L-Aġenzija għandha tindirizza opinjoni lill-Kummissjoni sabiex tinkorpora ħtiġijiet essenzjali għal operazzjonijiet ta' titjiriet u l-konċessjoni ta' liċenzi lill-ekwipaġġ ta' l-ajru. Il-proċess ta' regolamentazzjoni jibda fil-bidu ta' Frar u jagħti żmien suffiċjenti għal konsultazzjoni kif meħtieġ mill-proċedura ta' regolamentazzjoni ta' l-Aġenzija.

#### ▪ Reviżjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni dwar ċertifikazzjoni u *airworthiness* kontinwa.

Ġew identifikati numru ta' problemi potenzjali li jirrelataw għat-testi li daħlu fis-seħħ fl-2003. L-Aġenzija tat impenn li terġa' tikkontrolla dawn it-testi fl-ewwel opportunità sabiex tirriżolvi anomaliji jew inkonsistenzi li jistgħu ikunu preżenti. Per eżempju, waħda minnhom hija l-istima regolatorja ta' l-impatt ta' l-implimentazzjoni tal-Parti M dwar l-avjazzjoni ġenerali.

#### ▪ L-Iżvilupp ta' ċertifikati standard

Kompitu ulterjuri għall-2004 jkun l-iżvilupp ta' ċertifikati standard, inklużi ċertifikati ta' storbu meta l-Aġenzija għandha tfassal speċifikazzjoni komuni. L-Aġenzija tadotta t-test rilevanti qabel l-aħħar tas-sena.

Barra minn hekk, l-Aġenzija meġhuna kemm mill-AGNA kif ukoll mill-SSCC tibda l-preparazzjoni tal-programm ta' regolamentazzjoni għall-2005 u għaż-żmien medju, ibbażat fuq stima tajba tar-riskji tas-sigurtà minn naħa waħda u fuq spejjeż relatati minn naħa l-oħra, li hija bażi essenzjali għall-produzzjoni ta' testi regolatorji effettivi, effiċjenti u kkunsidrati tajjeb.

- L-Iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u ta' materjal ta' gwida

Kif stabbilit b'mod ċar fil-proċedura ta' regolamentazzjoni ta' l-aġenzija, il-programm ta' regolamentazzjoni għandu jieħu kont sħiħ ta' ħtiġijiet speċifiċi, li jirriżultaw (bħall-aspetti ta' interoperabilità tal-programm Sema Wieħed) biż-żieda ta' l-iżviluppi rilevanti l-oħra kollha f'liġi internazzjonali jew Komunitarja.

L-Aġenzija tipprovdi lill-Kummissjoni bl-Opinjoni tagħha dwar operazzjonijiet tat-titjiriet u ħtiġijiet essenzjali tal-konċessjonijiet ta' liċenzi lill-ekwipaġġ ta' l-ajru u għalhekk jibda l-proċess ta' regolamentazzjoni/konsultazzjoni fil-bidu ta' Frar. L-Aġenzija tipprovdi lill-Kummissjoni bl-opinjoni tagħha dwar ir-reviżjoni ta' IRs relatati ma' ċertifikazzjoni u *airworthiness* kontinwa qabel l-aħħar tas-sena.

### ***3.4 L-Ispezzjoni u l-istandardizzazzjoni***

#### L-Adozzjoni ta' proċeduri u l-implimentazzjoni

Ir-Regolament Bażiku jagħti s-setgħa lill-Aġenzija li twettaq ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni fl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u investigazzjonijiet ta' intrapriżi. Linji gwida għal dawn il-proċeduri ta' standardizzazzjoni u ispezzjonijiet għandhom jiġu definiti u adottati mill-Kummissjoni. L-adozzjoni ta' dawn il-linji gwida tista' tkun mistennija sa l-aħħar ta' l-ewwel kwart ta' l-2004.

Fuq dik il-bażi, waħda mill-attivitajiet tal-bidu nett tad-Direttur il-ġdid ta' Kwalità u Standardizzazzjoni tkun li jiġi stabbilit programm ta' ispezzjonijiet ta' l-Istati Membri u investigazzjonijiet ta' intrapriżi. B'żjieda mal-linji gwida definiti mill-Kummissjoni, il-programmi ta' standardizzazzjoni jkunu wkoll ibbażati fuq materjal regolatorju u proċeduri disponibbli (bħall-proċeduri ta' ċertifikazzjoni). Ir-rwol ta' dawn il-programmi huwa li jiġi assigurat li l-istandards ta' l-ogħla kwalità huma applikati tul is-sistema kollha ta' l-EASA, sabiex jiġi assigurat li dawn l-istandards jinżammu sewwa, b'mod uniformi u b'mod kostanti, u wkoll sabiex dawn l-istandards jiġu diffużi barra s-sistema sabiex jiġi assigurat li t-tmexxija ta' l-EASA hija rikonoxxuta.

Il-programm ta' ispezzjoni għall-industrija għandu jiġi definit tul l-ewwel kwart ta' l-2004 skond il-linji gwida li għandhom jiġu adottati u definiti mill-Kummissjoni. L-ewwel ispezzjonijiet jistgħu b'konsegwenza jitwettqu tul l-2004. Il-programm ta' ispezzjoni għal awtoritajiet nazzjonali għandu jiġi definit tul l-ewwel kwart ta' l-2004 skond linji gwida li għandhom jiġu adottati u definiti mill-Kummissjoni. L-ewwel ispezzjonijiet jistgħu b'konsegwenza jitwettqu tul l-2004.

#### Taħriġ u seminars

Id-Direttur ta' Kwalità u Standardizzazzjoni jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' taħriġ tekniku għall-personal tekniku ta' l-Aġenzija. L-iskop ta' dan it-taħriġ huwa li tinżamm u tikber l-esperjenza disponibbli fl-Aġenzija u li tiġi assigurata interpretazzjoni komuni ta' l-istandards u tal-ħtiġijiet ta' l-Aġenzija. Għandu jiġi emfasizzat li l-kapaċità ta' l-Aġenzija li titkellem b'vuċi waħda lid-dinja esterna hija

essenzjali għall-bini tat-tmexxija u tal-kredibilità proprja. It-Taħriġ jgħin lill-personal ta' l-Aġenzija jħares lejn ix-xogħol tad-dixxiplini tekniċi kollha u jiżviluppa t-talent proprju mill-aħjar prattiki.

L-Aġenzija jkollha tkun impenjata b'mod estrem lejn id-diffużjoni ta' standards ta' l-EASA ġewwa u barra l-istati regolati ta' l-EASA. L-Aġenzija tiġi rappreżentata f'seminars aeronawtiċi maġġuri sabiex tkun ċerta li tagħraf l-aħjar prattiki eżistenti u xxerridhom wara fis-sistema ta' l-EASA. Bl-istess perspettiva l-EASA torganizza s-seminars u t-taħriġ proprju tagħha sabiex tippubbliċizza l-istandards u l-prattiki proprji.

L-Aġenzija tqassam l-esperjenza tagħha billi tipprvodi taħriġ lil tekniċi esterni (minn NAAs u entitajiet kwalifikati). Anke fil-każ li l-miri ta' dan it-taħriġ huma l-maniġers assoċjati tal-proġett, it-taħriġ jista' wkoll ikun miftuħ għall-industrija sabiex jiġu assigurati it-tixrid u d-diffużjoni l-iktar wiesgħin ta' l-istandards ta' l-Aġenzija.

Il-mezzi kollha *ad hoc* ta' diffużjoni jintużaw sabiex dawn il-kompiti ta' kwalità u standardizzazzjoni jiġu sodisfatti.

L-Aġenzija torganizza *seminars* jew *lectures* relatati ma' regolamenti ġodda f'jamanti kmieni fl-2004. L-Aġenzija tistabbilixxi l-ewwel taħriġ intern tagħha dwar kwistjonijiet tekniċi tul l-ewwel semestru ta' l-2004. L-Aġenzija tistabbilixxi programmi ta' taħriġ għal partijiet esterni interessati li għandhom sehem tul it-tieni semestru ta' l-2004.

#### Il-Formolazzjoni ta' abbozz ta' sistema ta' kwalità għall-Aġenzija

Responsabbiltà addizzjonali tad-Direttur ta' Kwalità u Standardizzazzjoni tkun li japplika l-esperjenza proprja fl-NAAlizzar tas-sistemi, fl-identifikazzjoni, l-ippremjar u d-diffużjoni ta' kwalità lill-Aġenzija proprja. Tul l-2004 id-Direttorat jibda jelabora s-sistema ta' kwalità ta' l-Aġenzija. Ebda punti prinċipali diretti ma huma maħsuba għall-2004, iżda l-progress dwar l-istabbiliment tas-sistema tal-kwalità ikun wieħed mill-ħsibijiet ewlenin għad-Direttorat għas-sena ta' referenza.

#### Tagħlim minn rappurtar ta' avvenimenti

L-Aġenzija jkollha timplimenta, fil-kwadru ġuridiku eżistenti, analiżi ta' rappurtar ta' avvenimenti sabiex tiddetermina liema huma l-aħjar prattiki li jippermettu titjib tas-sigurtà.

#### **3.5 Kwistjonijiet bilaterali**

Skond l-artikolu 18 tar-Regolament Bażiku, l-Aġenzija għandha tikkonkludi arranġamenti ta' xogħol ma' l-imsieħba regolatorji ewlenin tagħha sabiex tiffaċilita ċ-ċertifikazzjoni u l-indifferenza kontinwa fir-rigward ta' prodotti importati u servizzi. B'mod parallel, huwa neċessarju li jkun hemm preparazzjoni għal ftehim Komunitarju ġdid dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' riżultati ta' ċertifikazzjoni u kooperazzjoni regolatorja, sabiex jiġu sostitwiti l-ftehimiet bilaterali eżistenti tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni u l-ftehimiet bilaterali ta' *airworthiness* konklużi mill-Istati Membri ma' diversi pajjiż terzi. L-aħħar u mhux l-inqas, l-Aġenzija għandha tipprepara sabiex tidħol għall-kariga, mill-JAA, ta' attivitajiet tekniċi ta' kooperazzjoni sabiex pajjiżi terzi inqas żviluppatti jiġu assistiti jtejjbu s-sistemi regolatorji tagħhom ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni u jipromwovu standards Ewropej f'dak il-qasam.

## **4 L-Istabbiliment tal-funzjonijiet ta' sostenn ta' l-Aġenzija**

L-2004 tkun l-ewwel sena sħiħa ta' operazzjoni għall-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea u l-programm tax-xogħol stabbilit hawnhekk għandu jinqara b'dan il-ħsieb. L-Aġenzija tkun qiegħda tfitteż fl-2004 sabiex kemm tistabbilixxi lilha nfisha bħala attur kredibbli kif ukoll biex tibda taħdem fuq il-kompiti numerużi li jiffaċċjawha.

### **4.1 Regoli u proċeduri interni: sistema tajba, ċara u trasparenti**

Il-Personal ta' l-Aġenzija jeħtieġ sett ta' regoli u proċeduri interni sabiex jiġi ggwidat fix-xogħol u fil-ħajja minn jum għal jum fl-Aġenzija, b'mod partikolari għar-reklutaġġ, għall-ġestjoni ta' riżorsi umani, għall-politika ta' l-ivvjaġġar, għall-finanzi u l-komunikazzjoni.

Mogħti l-fatt tal-kwadru amministrattiv li fih topera l-Aġenzija, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' personal u finanzjarji, huwa preferibbli li dawn ir-regoli u proċeduri ma jiġux abbozzati mix-xejn iżda aħjar għandhom anzi jieħdu vantaġġ minn dokumenti simili fis-seħħ fl-Istituzzjonijiet u f'aġenziji diġà eżistenti u jiġu adattati sabiex jieħdu kont taċ-ċirkostanzi ta' l-Aġenzija.

Il-proċeduri rilevanti dwar ġestjoni ta' riżorsi umani, politika ta' l-ivvjaġġar, finanzi u komunikazzjoni jiġu adottati mid-Direttur Eżekuttiv sa mhux iktar tard min-nofs is-sena ta' l-2004. Sadanittant, japplikaw ir-regoli tal-Kummissjoni.

### **4.2 Ir-Riżorsi umani: prijorità maġġuri għall-Aġenzija**

Il-Ħatra ta' personal għall-Aġenzija malajr kemm jista' jkun skond il-limiti finanzjarji tal-budget ġenerali tal-Komunità Ewropea hija prijorità sabiex ikun hemm lok għas-sodisfazzjon tal-missjoni ta' l-Aġenzija u sabiex tingħata preżenza, setgħa u kredibilità lill-Aġenzija. Ir-Reklutaġġ għalhekk ikun prijorità prinċipali għad-diriġenti ġodda ta' l-Aġenzija. Id-deċiżjoni magħmula mill-Kunsill Ewropew dwar il-post finali ta' l-Aġenzija f'*Cologne* tikkjarifika s-sitwazzjoni għal applikanti ġodda għal postazzjonijiet ta' l-aġenzija.

L-Awtorità tal-Ħatra ta' l-Aġenzija huwa d-Direttur Eżekuttiv. Ladarba l-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv kienet kemmxejn ittardjata fl-2003 u minħabba t-tul tal-proċedura ta' reklutaġġ għal aġenti temporanji, ebda aġenti temporanji oħra ma nħatru fl-2003. Minkejja dan numru żgħir ta' personal kien maħtur (taħt kuntratti awżiljari tal-KE), sabiex jingħata bidu għall-prijoritajiet prinċipali ta' l-Aġenzija.

Għandu jingħata iktar dettall lill-organizzazzjoni in linja mad-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija dwar l-istruttura ta' l-Aġenzija. Il-mili tal-livelli l-iktar baxxi ta' l-istruttura jsir mid-Direttur Eżekuttiv bl-għajnuna ta' l-erba' diretturi malajr wara l-ħatra tagħhom. Abbozz ta' l-istruttura organizzazzjonali (fir-rigward tal-livelli l-iktar baxxi) huwa ppreżentat fl-anness mal-programm.

L-Aġenzija ingħatat ir-responsabbiltà unika għal kompiti ta' ċertifikazzjoni mir-Regolament Bażiku. Jew l-Aġenzija għandha biżżejjed personal fil-kwalità u fil-kwantità sabiex tissodisfa l-funzjonijiet tagħha, jew għandha tissubkuntratta x-xogħol. L-Efficijenza ta' l-ispiża hija mira maġġuri ta' l-Aġenzija u huwa maġħruf sewwa li l-ispiża ta' xogħol subkuntrattat kienet tkun ħafna iktar oġhla mill-ispiża diretta tal-personal ta' impjegati ta' l-Aġenzija. Għalhekk, l-Aġenzija għandha tagħmel l-isforz

kollu tagħha sabiex tirrekluta kompetenzi interni. Barra minn hekk, kapaċitajiet tekniċi interni jippermettu lill-Aġenzija tidħol għal kompiti fil-preżent esternalizzati lill-Awtoritajiet Konġunti ta' l-Avjazzjoni (JAA) jew lil Awtoritajiet Nazzjonali ta' l-Avjazzjoni (NAA) b'rittmu iktar mgħaġġel u b'hekk jitnaqqas il-perjodu ta' transizzjoni u l-bidla minn sistema ta' JAA għas-sistema ta' l-EASA. Fit-tul, dan huwa ċarament kompatibbli mal-mira dikjarata taż-żjieda ta' l-effiċjenza ta' l-ispiża fil-proċessi regolatorji u ta' ċertifikazzjoni u mal-ħtieġa tal-bini ta' repositorju ċentrali singolu ta' esperjenza teknika disponibbli għall-awtorità legiſlattiva.

Hekk kif in-numru ta' personal jiżdied b'mod sinifikanti fl-2004, il-maniġment jeħtieġ li joqgħod attent għall-bini ta' timijiet fost il-personal ta' l-Aġenzija, li jkun essenzjali fl-istabbiliment ta' l-EASA bħala organizzazzjoni koerenti u effettiva.

Ir-ritmu ta' l-attività ta' reklutaġġ jiġi adattat għall-kapaċità tat-tim tar-riżorsi umani li jwettaq il-kompiti rilevanti. Il-mira hija li jkun hemm mill-inqas 60 membru tal-personal sa l-1 ta' Lulju 2004 u l-personal kollu mbassar fil-pjan ta' stabbiliment ta' l-2004 fil-post sa l-aħħar tas-sena (95 persuna).

Wieħed għandu jkun jaf li l-politika tal-ħatra tal-personal adottata mill-Bord ta' Tmexxija tippermetti r-reklutaġġ ta' aġenti temporanji u esperti nazzjonali distakkati, taħt ir-regolamenti tal-personal tal-Komunità Ewropea li huma skedati għal reviżjoni fl-2004.

### **4.3 Il-Finanzi**

Il-funzjoni tal-finanzi hija proċess prinċipali ta' sostenn mogħti l-qasam ta' applikazzjoni ta' l-operazzjonijiet ta' l-EASA u l-ħtieġa li jiġu assigurati l-ogħla standards ta' ġestjoni finanzjarja ekwivalenti għal Aġenzija Ewropea Komunitarja.

#### Operazzjonijiet ġenerali

L-Aġenzija ggwadanjat l-awtonomija finanzjarja tagħha fl-aħħar kwart ta' l-2003, jiġifieri d-deċiżjonijiet operazzjonali finanzjarji huma f'idejn l-Aġenzija proprja. Dan il-pass kien jeħtieġ li l-Aġenzija jkollha fil-post numru ta' sistemi sabiex tiġi assigurata l-ġestjoni tajba tal-finanzi tagħha. Bil-bini fuq din il-bażi ix-xogħol jibqa' tul l-2004 sabiex jiġi assigurat li l-proċeduri interni ulterjuri neċessarji jiġu stabbiliti hekk kif il-kapaċità ta' l-Aġenzija tikber fit-12-il xahar li ġejjin.

Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tar-regolament finanzjarju Komunitarju ġdid, inkluż *budgeting* ibbażat fuq attivitajiet, is-sistema finanzjarja ta' l-EASA tiġi żviluppata aktar sabiex issostni dan it-tip ta' analiżi ta' ġestjoni.

#### Attivitajiet ta' ċertifikazzjoni

In vista tal-funzjonijiet speċifiċi operazzjonali ta' l-Aġenzija għal ċertifikazzjoni ta' *airworthiness* u dik ambjentali u *airworthiness* kontinwa, sistemi finanzjarji addizzjonali jkollhom jiġu stabbiliti tul l-2004. L-Aġenzija hija pproġettata sabiex issir awtofinanzjata f'terminu medju u sistema ta' hłasijiet u piżijiet, ibbażata fuq Regolament rilevanti tal-Kummissjoni, għandha tkun fis-seħħ għat-tieni kwart ta' l-2004 li tiffirma l-bażi għal piżijiet ta' ċertifikazzjoni pagabbli minn applikanti kif ukoll xerrejja ta' pubblikazzjonijiet, taħriġ u servizzi oħra ta' l-Aġenzija.

Fir-rigward ta' piżijiet ta' ċertifikazzjoni, l-implimentazzjoni tas-sistema ta' piżijiet tkun kompitu importanti għall-funzjoni tal-finanzi fl-2004. Għalkemm it-tqassim ta' dan il-kompitu jiddependi fuq il-ħtiġijiet finali stabbiliti fir-regolament dwar ħlasijiet u piżijiet, dawn il-kompiti jinkludu dan li ġej:

- Sistema ta' fatturazzjoni għas-sostenn tas-sistema ta' ħlasijiet u piżijiet
- L-Istabiliment ta' funzjonijiet assoċjati ta' kontabilità
- L-Iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni ta' riskju finanzjarju
- Funzjonijiet tat-teżor assoċjati mal-fatturazzjoni

Dawn il-kompiti jkunu l-ewwel prijorità għad-Direttur il-ġdid għall-Amministrazzjoni kmieni fl-2004.

#### ***4.4 It-Teknoloġija informatika: l-istabiliment ta' sistema ta' kwalità għolja***

Il-mira ġenerali għas-sistema tat-teknoloġija informatika (TI) ta' l-Aġenzija fil-ġejjieni hija li jiġu introdotti servizzi dipendibbli tat-TI lill-utenti kollha ta' l-EASA billi tinbena infrastruttura appropjata tat-TI. Dan jimplika l-ħolqien ta' ambjent komplet tat-TI għall-Aġenzija, li jibda mill-ambjent materjali u jestendi għas-sostenn ta' l-utent u għal żvilupp ta' sistemi. Dan jimplika l-istabiliment ta' *hardware*, *software*, il-ħolqien ta' *networks* kompletament siguri, kif ukoll il-ħolqien, it-trasferiment u l-ġestjoni ta' *databases* operazzjonali.

##### Servizzi ta' l-awtomazzjoni ta' l-uffiċċju

Fl-2004, l-Aġenzija tistabilixxi s-servizzi ta' awtomazzjoni proprji ta' l-uffiċċju, billi tottjeni l-postazzjonijiet tax-xogħol, il-periferali u għajnuniet oħra għall-awtomazzjoni ta' l-uffiċċju tagħha. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija diġà ħarset lejn il-possibiltajiet offerti mill-kuntratti kwadru ta' forniture tal-Kummissjoni ma' ċerti provvedituri tat-TI u għażlet li tiġi assoċjata ma' diversi minn dawn.

L-Aġenzija tkun kompletament indipendenti mis-servizzi ta' TI tal-Kummissjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet ta' l-uffiċċju minn jum għal jum sa nofs is-sena 2004.

##### Databases: implimentazzjoni u ġestjoni

Proporzjon sinifikanti tax-xogħol ta' l-Aġenzija jkun jiddependi fuq il-ġestjoni tajba ta' *databases*. B'żieda ma' *databases* tradizzjonali ta' l-uffiċċju (bħal għal ġestjoni ta' komunikazzjoni), l-Aġenzija jkollha toħloq *database* proprja għal dokumentazzjoni (il-materjal regolatorju kollu prodott mill-Aġenzija, bħad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija u d-deċiżjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv) u *database* proprja għal ċertifikati u approvazzjonijiet. L-Aġenzija teżamina l-possibiltà ta' trasferiment ta' *databases* eżistenti (f'JAA jew f'NAA) jew il-ħolqien ta' interfaċċji dedikati b'*databases* eżistenti. B'żieda ma' dawn il-*databases* permanenti, l-Aġenzija għandha tiżviluppa l-kapaċità tagħha li tipproduċi *databases ad hoc*, għat-trattament ta' kummenti ta' konsultazzjoni per eżempju. Fl-istadji kollha, l-Aġenzija tagħti attenzjoni speċjali lis-sigurtà ta' dawn il-*databases* billi tipprevjeni aċċess mhux awtorizzat, alterazzjoni tal-kontenut jew distruzzjoni tal-kontenut minn vjolaturi potenzjali interni jew esterni.

L-Aġenzija jew tkun ittrasferiet id-*databases* esterni neċessarji jew żviluppat interfaċċji funzjonanti b'*databases* esterni sa l-aħħar tas-sena. Il-Fabbrikazzjoni ta' *databases* għal proċeduri interni, bħall-ġestjoni u d-dokumentazzjoni ta' komunikazzjonijiet, tkun fis-seħħ sa nofs is-sena.

#### Networks u komunikazzjonijiet

L-Aġenzija teħtieġ timplimenta s-servizzi proprji ta' l-email, bil-formats proprji ta' l-e-mail u funzjonalità remota ta' aċċess. L-idea hi li tiġi pprovduta immaġni koerenti lil imsieħba esterni u li titħalla flessibilità massima ta' xogħol għall-personal kollu ta' l-Aġenzija.

L-Aġenzija għandu jkollha s-sistema kompletament funzjonanti, indipendenti ta' l-e-mail fil-post sa nofs is-sena.

L-Aġenzija tiżviluppa s-sit proprju ta' l-internet multifunzjonarju, bl-idea li tużah bħala għajjnuna essenzjali ta' komunikazzjoni kemm għall-pubbliku in ġenerali kif ukoll għal partijiet aeronawtiċi interessati. Dan jimplika li wieħed ikun jista' jimplimenta sit ta' l-internet b'aċċess sigur għal utenti awtorizzati għall-*databases* approprijati (eż. għal konsultazzjoni *online*) u li jippermetti sistemi bbażati fuq tagħrif jew *extranet* sabiex tkun permessa effiċjenza massima għax-xogħol tal-partijiet tax-xogħol ta' l-Aġenzija, bħall-Kumitat Konsultattiv dwar Standards ta' Sigurtà (SSCC) jew il-Grupp Konsultattiv ta' Awtoritajiet Nazzjonali (AGNA - Ara t-taqsimu dwar regolamentazzjoni għal dettalji ulterjuri).

L-Aġenzija jkollha stabbilit sit ta' l-internet ġdid, b'saħħtu fl-ewwel kwart ta' l-2004. L-għajnuniet neċessarji elettroniki għal partijiet interessati b'shem għandhom ikunu disponibbli tul l-ewwel nofs ta' l-2004.

#### Is-Sigurtà

Fl-istadji kollha ta' l-istabbiliment ta' din l-arkitettura tas-sistema tagħha ta' TI l-Aġenzija tagħti l-ikbar attenzjoni lis-sigurtà tad-*data*, kemm biex tevita kull telf ta' *data*, kif ukoll biex tiproteġi informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

#### Is-Sostenn ta' l-utent

L-Aġenzija tistabbilixxi tîm ta' TI sabiex jagħti sostenn u taħriġ ta' *helpdesk* lill-personal, lill-amministrazzjoni tas-sistema u tan-*network* u sostenn ta' applikazzjonijiet ta' l-EASA.

#### L-Iżvilupp tas-sistemi

L-iskop ġenerali huwa li l-Aġenzija tiġi pprovduta b'applikazzjonijiet adegwati amministrattivi u speċifiċi kummerċjali.

- Sostenn għas-sistema ta' *general ledger*;
- Sostenn għall-ġestjoni ta' riżorsi umani
- Sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti u tal-fluss tax-xogħol għas-sostenn ta' l-Aġenzija fit-twettieq tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni tagħha.

#### 4.5 Il-Komunikazzjoni

Kompitu importanti għall-2004 jkun l-istabbiliment ta' l-Aġenzija l-ġdida bħala attur kredibbli fis-settur ta' l-avjazzjoni u l-funzjoni ta' komunikazzjonijiet ovrjament għandha rwol vitali x'tiżvolġi hawnhekk. Ugwalment, funzjoni effettiva ta' komunikazzjonijiet isservi sabiex issaħħaħ il-'kultura ta' l-EASA' li qiegħda tirriżulta neċessarja għal Aġenzija b'suċċess.

Komunikazzjonijiet effettivi interni u esterni jkunu prinċipali għall-EASA hekk kif tfitteż li l-preżenza tagħha tinħass fid-dinja ta' l-avjazzjoni u, iktar speċifikament, fir-regolament tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni. Biex l-EASA ikollha suċċess f'din il-missjoni, il-kwistjonijiet kjavi fir-rigward ta' komunikazzjonijiet huma dawn li ġejjin:

- Il-Ħolqien u t-tixrid tar-reputazzjoni ta' l-EASA bħala awtorità moderna, kredibbli, miftuħa, effettiva u ta' reazzjoni;
- L-assigurazzjoni ta' konsistenza tul il-firxa tal-komunikazzjonijiet interni u esterni tagħha.

Tipproċedi l-identifikazzjoni ta' udjenzi esterni prinċipali għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' l-Aġenzija. L-Aġenzija tibqa' tiżviluppa approċċ bl-użu ta' varji mezzi ta' komunikazzjoni sabiex tilħaq lil dawn il-gruppi, ibbażat fuq is-selezzjoni ta' mezzi approprijati għal kull grupp. Dan jimplika l-azzjonijiet li ġejjin għall-2004:

L-Istabbiliment ta' servizz kompletament funzjonarju tal-medja bħala parti mill-funzjoni ta' komunikazzjonijiet

Dan iservi żewġ skopijiet: l-ewwel, jgħin biex jinbnew relazzjonijiet ma' l-istampa speċjalizzata dwar il-firxa ta' kwistjonijiet fl-oqsma ta' kompetenza ta' l-Aġenzija. It-tieni, dan is-servizz ikun importanti fil-koordinazzjoni tat-tweġiba ta' l-Aġenzija għal kriżijiet li jirriżultaw kif neċessarju.

L-Implimentazzjoni ta' proċedura għat-trattament ta' l-inkjesti kollha *ad hoc*

Dawn l-inkjesti jinkludu inkjesti sempliċi mill-pubbliku in ġenerali għal kwistjonijiet kumplessi mqajjma mill-industrija u minn partijiet oħra interessati. Din il-proċedura tieħu kont ukoll tal-ħtieġa għal kontroll sussegwenti ta' mistoqsijiet iktar ikkumplikati maċ-ċentru rilevanti ta' esperjenza fl-Aġenzija, fil-NAA, jew f'organizzazzjonijiet oħra kkonċernati. Il-funzjoni tal-komunikazzjonijiet tgħin sabiex jiġi assigurat li l-Aġenzija tissodisfa l-obbligu tagħha li tipprovdi informazzjoni f'waqtha, ċara u preċiża dwar ix-xogħol tagħha skond l-artikolu 47.2 tar-Regolament Bażiku.

Implimentazzjoni kompleta ta' ħtiġijiet tal-Komunità Ewropea dwar aċċess pubbliku għal dokumenti.

L-Istabbiliment ta' sit ta' l-internet ġdid sofistikat għall-faċilitazzjoni ta' aċċess għal dokumenti u informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' l-Aġenzija

Il-Kontroll tal-każ għal serje ta' konferenzi u *road shows*

*Road shows* jistgħu ikunu mezz utli ta' karatterizzazzjoni ta' l-Aġenzija f'organizzazzjonijiet kbar u f'partijiet interessati (eż. NAA, kumpanniji kbar, eċċ).

Notevolment, l-Aġenzija tkun qiegħda tieħu r-rwol ta' JAA fil-konferenza annwali ta' armonizzazzjoni ma' l-FAA (Amministrazzjoni Federali ta' l-Avjazzjoni) skedata f'Ġunju f'Philadelphia.

### L-Istima tal-ħtieġa għal pubblikazzjonijiet ta' l-Aġenzija barra minn dawk meħtieġa mir-Regolament Bażiku

Dawn il-pubblikazzjonijiet jiġu kkunsidrati biss fil-każ li jżidu valur reali lix-xogħol ta' komunikazzjonijiet ta' l-Aġenzija.

### L-Istabiliment ta' sistema tax-xogħol ta' pubblikazzjonijiet uffiċjali

Sistema ta' pubblikazzjoni uffiċjali tippermetti lil partijiet interessati jkollhom aċċess għat-testi ta' l-Aġenzija fil-format li hu konvenjenti għalihom. Wieħed għandu jkun jaf li din l-attività hija mistennija tkun fonti ta' dħul għall-Aġenzija (Artikoli 48 u 53 Regolament Bażiku) u f'dan ir-rigward ikun neċessarju għall-Aġenzija li taħdem ma' pubblikatur kompetenti fil-provvista tas-servizzi neċessarji. Huwa propost li l-produzzjoni tar-regolamentazzjoni ta' l-Aġenzija tibqa' tkun disponibbli mingħajr ħlas fis-sit ta' l-internet, waqt li abbonati għal pubblikazzjonijiet ta' valur miżjud (*hard copy*, *CD-ROM* u bħalhom) ikollhom iħallsu għal dawn is-servizzi. Dan l-approċċ huwa kompatibbli ma' l-obbligi ta' l-Aġenzija fir-rigward ta' ftuħ u huwa wkoll in linja mad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 53 tar-Regolament Bażiku, li jsemmi dħul minn pubblikazzjonijiet bħala fonti ta' dħul għall-aġenzija.

### L-Istabiliment ta' *intranet* b'saħħta ta' l-Aġenzija

Dan jipprovdni fonti singola sabiex personal ikun jista' jasal għall-informazzjoni kollha neċessarja għax-xogħol tiegħu. Dan jinkludi aċċess għal applikazzjonijiet dedikati, bħar-rappurtar tal-ħin għal personal ta' ċertifikazzjoni, testi u *databases* ta' l-Aġenzija, proċeduri interni, u bħalhom.

Bħala l-ewwel pass, pjan komprensiv u dettaljat ta' komunikazzjonijiet jiġi adottat mid-Direttur Eżekuttiv fl-ewwel kwart.

## **4.6 Legali**

Fl-2004, l-Aġenzija ttejjeb il-kapaċità ġuridika tagħha billi tistabilixxi tîm ġuridiku li jkun kapaċi jiffaċċja kemm il-kwistjonijiet materjali mqajjma mit-tmexxija ta' organu Komunitarju, kif ukoll bit-tweġġieq tal-kompiti u tal-missjonijiet ta' l-Aġenzija.

### L-Assigurazzjoni tal-konformità ġuridika tal-proċeduri ta' l-Aġenzija

Tingħata attenzjoni speċifika lill-impatt ġuridiku ta' l-attivitajiet kollha ta' l-Aġenzija. Ix-xogħol amministrattiv ta' kuljum ta' l-Aġenzija jeħtieġ verifika tal-legalità tal-kuntratti kollha mal-fornituri u kontroll sussegwenti tal-kwistjonijiet kollha li jistgħu jirriżultaw sabiex jiġi assigurat l-ogħla livell possibbli ta' trasparenza u konformità ma' regolamenti dwar ksib ta' servizzi (*procurement*). Fl-2003, limiti ta' ħin u effiċjenza inkoraġġew lill-Aġenzija torbot lilha nfisha mal-kuntratti kwadri eżistenti u ma' ftehimiet oħra ta' livell ta' servizz kemm ma' fornituri esterni (fornituri ta' l-uffiċċju, fornituri ta' TI eċċ) kif ukoll ma' korpi tal-Kummissjoni li jaġixxu bħala fornituri għall-Aġenzija (akkomodazzjoni, traduzzjoni, *payroll*, servizz mediku, eċċ). Waqt li dawn il-kompiti jistgħu ivarjaw in natura, huma ġeneralment kollha relatati ma' l-istabiliment ta' l-Aġenzija u l-istabiliment ta' proċeduri. L-Aġenzija tibqa' tuża fl-2004 sakemm jista' jkun dawk is-servizzi kollha, u t-tîm ġuridiku ikollu jassigura l-użu kontinwu u adegwat ta' dawn ir-riżorsi kontrattwali. Il-funzjoni ġuridika tista' wkoll tintalab sabiex tassisti f'kompiti oħra li jirrelataw għall-kwistjonijiet amministrattivi jew operazzjonali, per eżempju, konformità tal-politika

ta' tarsparenza ta' l-Aġenzija mal-liġi Komunitarja, l-impatt tal-proċess tal-budget tal-KE fuq finanzi ta' l-Aġenzija.

#### Il-Provvediment ta' sostenn għall-kompiti prinċipali ta' l-Aġenzija

Fl-2004 il-funzjoni ġuridika se tiġi użata sabiex issostni l-kompiti prinċipali ta' l-Aġenzija, fir-rigward ta' kemm ir-regolamentazzjoni kif ukoll iċ-ċertifikazzjoni. Fir-rigward tar-regolamentazzjoni dan jinvolvi assistenza tar-reviżjoni ġuridika ta' testi futuri ta' l-Aġenzija kif meħtieġ, u l-analiżi ta' l-iżvilupp ġuridiċi l-iktar riċenti ta' interess għall-Aġenzija (UE u mhux UE fir-rigward tal-liġi ta' l-avjazzjoni, kif ukoll ġurisprudenza rilevanti tal-KE). L-iskop ta' dan ix-xogħol huwa li jgħin jassigura li l-fluss ta' informazzjoni ġuridika bejn l-Aġenzija u l-istituzzjonijiet prinċipali tagħha huwa wiesa' u interattiv.

#### Il-Provvediment ta' ċertezza ġuridika għall-attivitajiet aeronawtiċi ta' l-Aġenzija

Ir-Regolament Bażiku jafda lill-Aġenzija b'numru ta' kompiti relatati mal-missjoni diretta aeronawtika tagħha, li huma żviluppata aktar fit-taqsimu ta' regolamentazzjoni ta' dan il-programm tax-xogħol. B'mod ċar dan il-kompitu għandu komponent ġuridiku importanti. Fl-2003, l-Aġenzija diġà ħadet fuqha rwol importanti fir-reviżjoni ġuridika fil-forma ta' l-adattament ta' Ħtiġijiet Konġunti eżistenti fl-Avjazzjoni (*Joint Aviation Requirements*) f'regoli ta' implimentazzjoni tal-Komunità Ewropea u bl-elaborazzjoni ta' l-opinjoni tad-Direttur Eżekuttiv dwar dawn ir-regoli riveduti ta' implimentazzjoni. Xogħol simili jista' jkun meħtieġ fl-2004.

Bl-istabbiliment tal-Bord ta' Appell l-Aġenzija jkollha tipprepara għall-ewwel każijiet tagħha. Dan jimplika viġilanza partikolari u l-għoti ta' taħriġ kontinwu lil konsulenti ġuridiċi ta' l-Aġenzija. Jeħtieġu l-kapaċità li jagħtu pariri lid-Direttur Eżekuttiv, sabiex il-legalità tad-deċiżjonijiet tiegħu hija soda. Meta jirriżulta każ l-istess konsulenti jkollhom ukoll jaġixxu bħala *counsellors* għall-Aġenzija fil-Bord ta' l-Appell.

It-tim ġuridiku jkun kompletament involut fl-attivitajiet ta' regolamentazzjoni ta' l-Aġenzija. L-Aġenzija tkun viġilanti dwar il-legalità ta' l-atti li tadotta, u għalhekk tkun lesta tiffaċċja kwalunkwe każ fil-Bord ta' l-Appell jew fil-Qorti tal-Ġustizzja.

#### Il-Fondazzjoni ta' ċentru rispettat ta' esperjenza ġuridika

Għar-raġunijiet kollha msemmija fuq l-Aġenzija għandha tistabbilixxi ċentru eċċellenti ta' esperjenza għal liġi aeronawtika. Dan, dażgur, iseħħ wara l-ħatra ta' l-aħjar persuni għat-tim ġuridiku ta' l-Aġenzija, iżda wkoll permezz taż-żamma ta' dik l-esperjenza fl-ogħla livell u bid-diffużjoni tagħha lil partijiet esterni interessati. L-ewwel ġimġhat ta' attività ta' l-Aġenzija wrew l-interess fl-impatt ġuridiku tad-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija u l-Aġenzija teħtieġ tesplora l-ħtieġa ta' parteċipazzjoni fl-azzjonijiet esterni mmirati lejn it-titjib tal-fehma ta' dawn id-deċiżjonijiet fost il-partijiet interessati.

#### **4.7 Il-Monitoraġġ**

Il-biċċa l-kbira tax-xogħol ta' l-Aġenzija jista' jidher bħala ċiklu ta' tlett snin li jibda bil-preparazzjoni tal-*budget* f'Jannar n-1 u jispiċċa bil-pubblikazzjoni finali tal-kontijiet f'Ottubru n+1. B'żjieda, huma mitluba kompiti speċifiċi permezz tal-programm tax-xogħol.

Il-politika ta' tmexxija implimentata mid-Direttur Eżekuttiv tkun tista' tagħti responsabbiltajiet ċari lill-membri kollha tal-personal b'kemm jista' jkun awtonomija possibbli. Il-kontroparti għandha tiġi strutturata b'rapporti li jsegwu l-progress tal-miri u sabiex tingħata opportunità suffiċjenti għall-korrezzjoni ta' kwalunkwe xejriet mhux desiderabbli fil-prestazzjoni.

F'dak ir-rigward, il-mira ta' l-2004 hija li tiġi definita u mbaġħad implimentata sistema ta' karti ta' punti (*scorecards*) fil-livelli kollha ta' l-istruttura ta' l-Aġenzija għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tad-dipartimenti varji.

## 5 Konklużjonijiet

L-Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea inħolqot sabiex tkun l-ewwel korp espert Ewropew speċjalizzat sabiex iwettaq ċerti kompiti fil-preżent imwettqa f'livell Komunitarju jew nazzjonali li jirrigwardaw is-sigurtà ta' l-avjazzjoni. Hija l-awtorità singola ta' ċertifikazzjoni identifikata mil-liġi Komunitarja fil-qasam ta' l-*airworthiness* u konformità ambjentali. Sabiex tkun konsistenti mal-miri tar-Regolament Bażiku, l-Aġenzija għandha tiġi stabbilita sabiex tiegħu fuqha malajr kemm jista' jkun il-kompiti mwettqa mill-NAA fil-qasam ta' applikazzjoni tal-kompetenza tagħha. L-isfida primarja li tiffaċċja l-Aġenzija għandha għalhekk tiġi pprovduta mill-Komunità u mill-Istati Membri tagħha bil-mezzi, bir-riżorsi umani u bil-fondi adattati approprijati, skond din il-kwistjoni li għadha trid tiġi trattata.

## Anness –Karta organizzazzjoni ta' l-EASA (Diċembru 2003)

### L-AĠENZIJA TAS-SIGURTÀ TA' L-AVJAZZJONI EWROPEA

